# Restrizzjonijiet fuq is-suċċessjonijiet – regoli speċjali

Ungerija

## 1 Skont il-liġi ta’ dan l-Istat Membru, ir-regoli speċjali jimponu, għal raġunijiet ekonomiċi, familjari jew soċjali, restrizzjonijiet li jikkonċernaw jew jaffettwaw is-suċċessjoni fir-rigward ta’ propjetà immobbli, ċerti intrapriżi jew kategoriji speċjali oħra li jinsabu f’dan l-Istat Membru?

**1) Artijiet agrikoli u tal-forestrija**

*1.1 B’mod ġenerali*

Skont il-liġi Ungeriża, hemm regoli stretti li jirregolaw l-akkwiżizzjoni tas-sjieda fuq artijiet agrikoli u tal-forestrija. Dawn ir-restrizzjonijiet jaffettwaw ukoll l-akkwiżizzjoni permezz ta’ suċċessjoni, kemm miċ-ċittadini Ungeriżi, miċ-ċittadini ta’ Stati Membri oħrajn jew minn jew barranin oħrajn. Id-dispożizzjonijiet restrittivi huma inklużi fiż-żewġ atti li ġejjin:

L-Att CXXII tal-2013 dwar it-tranżazzjonijiet ta’ art agrikola u tal-forestrija (*a mező- és erdőgazdasági földek forgalmáról szóló 2013. évi CXXII. törvény*) (L-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art) u

L-Att CCXII tal-2013 li jistabbilixxi diversi dispożizzjonijiet u miżuri tranżizzjonali dwar l-Att CXXII tal-2013 dwar it-tranżazzjonijiet ta’ art agrikola u tal-forestrija (*a mező- és erdőgazdasági földek forgalmáról szóló 2013. évi CXXII. törvénnyel összefüggő egyes rendelkezésekről és átmeneti szabályokról szóló 2013. évi CCXII. törvény*) (l-Att tal-2013 dwar Miżuri Tranżizzjonali).

Ir-regoli huma kumplessi ħafna; id-dispożizzjonijiet ewlenin rilevanti f’termini tas-suċċessjoni jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

*1.2 Proprjetà immobbli li taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni materjali tar-restrizzjonijiet*

Ir-restrizzjonijiet legali jikkonċernaw l-akkwiżizzjoni ta’ *‘art agrikola u tal-forestrija’*. Skont l-Artikolu 5(17) tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art, it-terminu "art agrikola u tal-forestrija" (art agrikola) jinkludi dawn li ġejjin:

l-irqajja’ tal-art kollha li huma rreġistrati għal wieħed mill-użi li ġejjin fir-reġistru ta’ proprjetà immobbli: raba’, dwieli, ġnien tal-frott, ġnien, mergħa, mergħa (bwar), qasab, foresta u bosk (irrispettivament minn jekk l-art tinsabx f’żona urbana jew periferali); u

l-irqajja’ tal-art irreġistrati bħala meħuda barra mill-kultivazzjoni u li jiddaħħlu fir-reġistru ta’ proprjetà immobbli bħala: "żona rreġistrata bħala foresta fil-Bażi ta’ *Data* Nazzjonali tal-Forestrija".

*1.3 Restrizzjonijiet li jaffettwaw l-akkwiżizzjoni tas-sjieda permezz ta’ suċċessjoni*

L-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Artijiet jittratta s-suċċessjoni *ab intestato* u suċċessjoni b’testment b’mod differenti fir-rigward tal-akkwiżizzjoni tas-sjieda ta’ art agrikola. Ir-restrizzjonijiet deskritti fl-Att japplikaw biss għall-akkwiżizzjonijiet permezz ta’ suċċessjoni b’testment u ma japplikawx għall-akkwiżizzjoni ta’ art agrikola permezz ta’ suċċessjoni *ab intestato*.

Fis-sens tal-Artikolu 8(1) tal-Att tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżizzjonali, każ fejn legatarju jista’ jsir eredi bl-operat tal-liġi – fin-nuqqas ta’ testment u sakemm eredi oħrajn jiġu skwalifikati mis-suċċessjoni – huwa wkoll meqjus bħala akkwiżizzjoni tas-sjieda permezz ta’ suċċessjoni *ab intestato* għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet li jikkonċernaw l-akkwiżizzjoni tas-sjieda.

*1.3.1 Regoli li jikkonċernaw l-akkwiżizzjoni tas-sjieda permezz ta’ suċċessjoni b’testment*

*a) hija meħtieġa awtorizzazzjoni mill-awtorità pubblika*

Jekk it-testatur ikun iddispona mis-sjieda ta’ art agrikola f’testment, sabiex l-eredi intitolat taħt it-testment sabiex jikseb is-sjieda tiegħu, hija meħtieġa approvazzjoni minn awtorità pubblika (korp amministrattiv agrikolu) fil-forma ta’ awtorizzazzjoni (l-Artikolu 34 tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art). Matul il-proċedura ta’ approvazzjoni, il-korp amministrattiv agrikolu jaċċerta

jekk l-eredi huwiex eliġibbli sabiex jakkwista u

li t-testment mhux se jirriżulta fil-ksur jew iċ-ċirkomvenzjoni ta’ restrizzjoni fuq l-akkwiżizzjoni tas-sjieda.

*b) restrizzjonijiet li jikkonċernaw l-akkwiżizzjoni ta’ art agrikola*

L-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art jittratta kategoriji individwali ta’ entitajiet ġuridiċi b’mod differenti f’termini tal-eliġibbiltà sabiex tiġi akkwiżita art agrikola. Il-kategoriji ta’ persuni li ġejjin għandhom jiġu distinti f’dan ir-rigward:

*i) entitajiet ġuridiċi li ma jistgħux jakkwistaw sjieda fuq art agrikola taħt l-ebda ċirkostanza*

Dawn jinkludu

persuni fiżiċi barranin (iċ-ċittadini ta’ Stati Membri mhumiex inklużi taħt din id-definizzjoni);

Stati barranin (jew il-provinċji tagħhom, il-gvernijiet lokali, jew kwalunkwe wieħed mill-korpi tagħhom);

persuni ġuridiċi domestiċi jew barranin (bi ftit eċċezzjonijiet).

Eċċezzjoni: il-projbizzjoni ta’ persuni ġuridiċi milli jakkwistaw art agrikola permezz ta’ disponiment ta’ proprjetà mal-mewt ma tapplikax għal knejjes stabbiliti (jew għal “persuni ġuridiċi skont regoli ekkleżjastiċi interni”).

*ii) persuni li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta’ “bidwi”*

It-terminu “bidwi” huwa definit taħt l-Artikolu 5(7) tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art. Persuni fiżiċi ta’ nazzjonalità Ungeriża jew tan-nazzjonalità ta’ Stat Membru ieħor li ġew irreġistrati mill-awtoritajiet kompetenti f’reġistru uffiċjali miżmuma għal dan l-iskop jaqgħu taħt din id-definizzjoni. Il-prekundizzjonijiet speċifikati bil-liġi jridu jiġu ssodisfati sabiex ikunu rreġistrati (kwalifiki speċjalizzati għall-agrikoltura jew għall-forestrija; attivitajiet agrikoli jew tal-forestrija ċċertifikati u dħul minn attivitajiet bħal dawn, eċċ.).

Għal din il-kategorija ta’ persuni, il-limitu massimu tad-dimensjonijiet ta’ art agrikola li tista’ tkun il-proprjetà ta’ xi ħadd minnhom – *"il-limitu massimu tal-akkwiżizzjoni tal-art"* – huwa ta’ 300 ettaru; dan għandu jinkludi ż-żona ta’ art li diġà hija proprjetà tal-persuna kkonċernata u ż-żona ta’ art li fuqha diġà teżerċita drittijiet ta’ użufrutt (l-Artikolu 16(1) tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art).

*iii) persuni fiżiċi li mhumiex "bdiewa", iżda li huma ċittadini tal-Ungerija jew ta’ Stat Membru ieħor*

Persuni f’din il-kategorija jistgħu jakkwistaw is-sjieda ta’ art agrikola, jekk l-erja tal-art agrikola fil-pussess tagħhom – flimkien mal-erja tal-art agrikola li jixtiequ jakkwistaw – ma tkunx ta’ aktar minn ettaru wieħed (l-Artikolu 10(2) tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art).

Eċċezzjoni: ir-restrizzjoni msemmija hawn fuq ma tapplikax għal akkwiżizzjonijiet bejn qraba mill-qrib. Madankollu, il-limitu massimu tal-akkwiżizzjoni tal-art ta’ 300 ettaru japplika wkoll f’każijiet bħal dawn (l-Artikoli 10(3) u 16(1) tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art).

Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, il-persuni li ġejjin huma koperti mid-definizzjoni ta' *"ċittadin ta' Stat Membru"* (l-Artikolu 5(24) tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art):

ċittadin ta' Stat Membru (għajr l-Ungerija) tal-Unjoni Ewropea;

ċittadin ta' Stat parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

ċittadin ta' Stat ieħor li jiġi ttrattat bl-istess mod bħall-persuni msemmija fuq abbażi ta' trattat internazzjonali.

*1.3.2 L-akkwiżizzjoni ta' sjieda permezz ta' suċċessjoni ab intestato*

Ir-restrizzjonijiet deskritti hawn fuq (il-punt 1.3.1) ma japplikawx għall-akkwiżizzjonijiet ta' art agrikola permezz ta' suċċessjoni *ab intestato*. B'hekk, persuna li tkun imċaħħda milli takkwista s-sjieda ta' art agrikola Ungeriża permezz ta' suċċessjoni b'testment (jew permezz ta' akkwiżizzjoni bejn persuni ħajjin) (pereżempju xi ħadd li ma jkunx ċittadin ta' Stat Membru) tista' takkwista tali sjieda permezz ta' suċċessjoni *ab intestato*.

**2) Armi tan-nar u munizzjon**

*2.1 B'mod ġenerali*

Skont il-liġi Ungeriża, l-armi tan-nar u l-munizzjon jistgħu jinkisbu biss b'liċenzja tal-armi tan-nar. Il-leġiżlazzjoni li ġejja tinkludi d-dispożizzjonijiet dwar il-pussess tal-armi tan-nar:

L-Att XXIV tal-2004 dwar l-armi tan-nar u l-munizzjon (*a lőfegyverekről és lőszerekről szóló 2004. évi XXIV. törvény*) (Att dwar l-Armi tan-Nar),

Id-Digriet tal-Gvern Nru 253/2004 tal-31 ta' Awwissu 2004 dwar l-armi u l-munizzjon (*a fegyverekről és lőszerekről szóló 253/2004. Korm. rendelet*) (Digriet tal-Gvern dwar l-Armi),

Id-Digriet Nru 49/2004 tal-31 ta' Awwissu 2004 tal-Ministru għall-Intern dwar art li tintuża għall-eżerċizzju tal-isparar, il-ħażna tal-armi tan-nar u tal-munizzjon mill-awtoritajiet pubbliċi u l-għarfien teoretiku u l-ħiliet meħtieġa għall-pussess tal-armi tan-nar (*a lőterekről, a lőfegyverek, lőszerek hatósági tárolásáról, a fegyvertartáshoz szükséges elméleti és jártassági követelményekről szóló 49/2004. BM rendelet*),

Struzzjoni Nru 2/2016 tas-7 ta' Jannar 2016 tal-Kap Kummissarju tal-Pulizija Nazzjonali dwar ir-regoli għall-ħażna mill-awtoritajiet pubbliċi, il-bejgħ, it-trasferiment, id-disponiment, iċ-ċediment mingħajr kunsiderazzjoni u l-qerda tal-armi tan-nar (*a lőfegyverek hatósági tárolásának, értékesítésének, elidegenítésének, hatástalanításának, érték nélküli leadásának, megsemmisítésének szabályairól szóló 2/2006. ORFK utasítás*).

*2.2 Assi li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-restrizzjonijiet*

Ir-restrizzjonijiet statutorji jikkonċernaw l-akkwiżizzjoni ta' *'armi tan-nar u munizzjon'*. Fis-sens tal-Artikolu 2(16) u (22) tal-Att dwar l-Armi tan-Nar

*arma tan-nar*: tfisser kwalunkwe pistola li tista' tinġarr jew airgun li minnha jista' jiġi sparat projettili ta' materjal solidu b'enerġija tal-muzzle li taqbeż is-7.5 Joules;

*munizzjon*: ifisser kwalunkwe skartoċċ magħmul minn projettili, trab tal-porvli u primer u li l-assemblaġġ tiegħu jsir minn qabel fi skartoċċ wieħed.

*2.3 Restrizzjonijiet li jaffettwaw is-suċċessjoni tal-armi*

Skont l-Artikolu 14(1) u (2) tad-Digriet Nru 49/2004 tal-31 ta' Awwissu 2004 tal-Ministru għall-Intern, meta detentur ta' liċenzja jmut, l-eredi jista' jitlob – wara li *l-għotja tas-suċċessjoni tkun saret finali* – li l-arma tan-nar u/jew il-munizzjon

jinbiegħu minn negozjant tal-armi tan-nar,

jiġu ttrasferiti lil persuna jew organizzazzjoni li jkollha awtorizzazzjoni għall-akkwiżizzjoni tagħhom,

jintremew, jinqerdu jew

jiġu ċeduti mingħajr kunsiderazzjoni.

Jekk l-eredi jonqos milli juża l-għażliet deskritti hawn fuq, il-pulizija jistgħu jeqirdu l-armi tan-nar u/jew il-munizzjon maħżuna jew jistgħu jgħadduhom lil negozjant tal-armi tan-nar għall-bejgħ wara evalwazzjoni ta' espert tal-kummerċ. L-ammont mill-bejgħ tal-arma u / jew tal-munizzjon irid jitħallas lis-sid, wara li jkunu tnaqqsu kwalunkwe kostijiet imġarrba.

**2 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, dawn ir-regoli speċjali japplikaw għas-suċċessjoni fir-rigward tal-assi msemmija hawn fuq irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni?**

Iva (fir-rigward ta' kull wieħed mill-assi msemmija hawn fuq).

Fir-rigward tal-artijiet agrikoli u tal-forestrija (artijiet agrikoli), il-preambolu tal-Att innifsu (l-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art) jelenka kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, tal-politika tal-familja u soċjali (bħall-abbiltà tal-villaġġi li jżommu l-popolazzjonijiet tagħhom, itejbu l-istruttura tal-età tal-popolazzjonijiet lokali tagħhom, itejbu l-impjiegi rurali, jiżguraw l-operat stabbli ta' rziezet żgħar, eċċ.) li juru b'mod ċar l-intenzjoni tal-leġiżlatur li r-restrizzjonijiet stipulati fl-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art għandhom jiġu applikati f'kull każ, irrispettivament minn liema liġi tal-Istat hija l-liġi li tirregola s-suċċessjoni.

**3 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, jeżistu regoli speċjali biex jiżguraw konformità mar-regoli speċjali msemmija hawn fuq?**

**1) Artijiet agrikoli u tal-forestrija**

Iva.

Jekk in-nutar pubbliku li jmexxi l-proċedimenti ta' suċċessjoni jsir jaf matul il-proċedimenti li l-patrimonju jinkludi artijiet agrikoli jew tal-forestrija (artijiet agrikoli), u t-testatur ikun iddispona minn tali art fit-testment tiegħu, huwa jibgħat it-testment lill-korp amministrattiv agrikolu b'ġuriżdizzjoni skont il-post fejn tinsab l-art. Il-korp imsemmi l-aħħar għandu l-kompetenza li jagħti l-approvazzjoni uffiċjali għall-akkwiżizzjoni tas-sjieda tal-art agrikola (l-Artikolu 34 tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art). F'każijiet bħal dawn, in-nutar pubbliku jissospendi l-proċedimenti tas-suċċessjoni sakemm il-korp amministrattiv agrikolu jkun ħa deċiżjoni (l-Artikolu 71(2)(*d*) tal-Att XXXVIII tal-2010 dwar il-proċedimenti tas-suċċessjoni).

Matul il-proċedura ta' approvazzjoni, il-korp amministrattiv agrikolu jaċċerta

jekk l-eredi huwiex eliġibbli sabiex jakkwista u

li t-testment mhux se jirriżulta fil-ksur jew iċ-ċirkomvenzjoni ta' restrizzjoni fuq l-akkwiżizzjoni tas-sjieda.

Il-korp amministrattiv agrikolu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu dwar is-suġġett tal-approvazzjoni lin-nutar pubbliku wkoll. Jekk il-korp amministrattiv agrikolu jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tal-eredi sabiex jakkwista sjieda tal-art, din id-dispożizzjoni tat-testment għandha titqies bħala invalida (l-Artikolu 34 tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet tal-Art). F'każ bħal dan, id-dispożizzjoni tat-testment inkwistjoni hija b'hekk legalment nulla, li trid titqies f'kunsiderazzjoni min-nutar pubbliku, u t-trasferiment tal-parti tal-patrimonju kkonċernata (l-art agrikola inkwistjoni) lill-eredi intitolat taħt testment ma jkunx jista' jiġi stabbilit (l-Artikolu 71 (6) tal-Att XXXVIII tal-2010 dwar il-proċedimenti ta' suċċessjoni).

Id-dmirijiet tal-korp amministrattiv agrikolu jitwettqu mill-uffiċċji tal-gvern tal-kontea.

**2) Armi tan-nar u munizzjon**

Iva.

Skont l-Artikolu 13 tad-Digriet Nru 49/2004 tal-31 ta' Awwissu 2004 tal-Ministru tal-Intern, jekk persuna li għandha liċenzja ta 'armi tan-nar tmut, kwalunkwe arma tan-nar u munizzjon għandhom jiġu nnotifikati minnufih lill-pulizija mill-persuna fil-pussess tagħhom, li għandha tiżgura wkoll il-kustodja tagħhom sakemm jaslu l-pulizija. Il-pulizija jieħdu f'idejhom u jaħżnu l-armi tan-nar u l-munizzjon innotifikati u jfasslu rekord tal-azzjonijiet tagħhom.

Skont il-Kapitolu III tal-Istruzzjoni Nru 2/2016 tas-7 ta' Jannar 2016 tal-Kap Kummissarju tal-Pulizija Nazzjonali, wara li l-pulizija jkunu ħadu f'idejhom l-armi tan-nar u l-munizzjon, huma

jinformaw bil-miktub lill-uffiċjal tal-gvern lokali tad-detentur tal-liċenzja deċedut li fassal l-inventarju tal-patrimonju (uffiċjal tal-inventarju) li l-armi tan-nar u l-munizzjon huma fil-ħażna ta' awtorità pubblika,

fl-istess ħin jitolbu li l-armi tan-nar u l-munizzjon jiġu elenkati fl-inventarju tal-patrimonju,

u jitolbu informazzjoni rigward liema nutar pubbliku se jmexxi l-proċediment tas-suċċessjoni.

Il-pulizija jinformaw lin-nutar pubbliku li jmexxi l-proċediment tas-suċċessjoni bil-miktub dwar fejn jinsabu l-armi tan-nar u l-munizzjon u jitolbu li l-għotja finali tas-suċċessjoni tintbagħat lilhom wara li jkun ingħalaq il-proċediment tas-suċċessjoni.

Għaldaqstant, in-nutar pubbliku jibgħat l-għotja ta' suċċessjoni maħruġa wara l-għeluq tal-proċediment tas-suċċessjoni lill-pulizija. Abbażi tal-għotja ta' suċċessjoni, il-pulizija jinformaw lill-eredi li, fi żmien 180 jum, huwa jew hija jkunu jistgħu jitolbu li l-armi tan-nar u l-munizzjon jinbiegħu minn negozjant tal-armi tan-nar jew jiġu ttrasferiti lil persuna jew organizzazzjoni li għandha awtorizzazzjoni sabiex takkwistahom, jew ikunu jistgħu jagħtu bidu għad-disponiment, il-qerda jew iċ-ċediment mingħajr kunsiderazzjoni tal-armi tan-nar u tal-munizzjon.

Jekk l-eredi jonqos milli juża l-għażliet deskritti hawn fuq fiż-żmien stipulat, il-pulizija jistgħu jeqirdu l-armi tan-nar u l-munizzjon maħżuna jew jistgħu jgħadduhom lil negozjant tal-armi tan-nar għall-bejgħ wara evalwazzjoni ta' espert tal-kummerċ. L-ammont mill-bejgħ tal-armi u tal-munizzjon irid jitħallas lis-sid, wara li jitnaqqsu kwalunkwe kostijiet imġarrba (l-Artikolu 13 u 14 tad-Digriet Nru 49/2004 tal-31 ta' Awwissu 2004 tal-Ministru għall-Intern).

L-aħħar aġġornament: 02/09/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.